

21997D0710(10)

10.7.1997

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 182/41

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE

Nru 11/97

ta' l-14 ta' Marzu 1997

## li temenda l-Anness XIII (Trasport) għall-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif ġiet mibdula mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ il-Ftehim, b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness XIII għall-Ftehim ġie mibdul permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat konġunt dwar iż-ŻEE Numru 27/96 tas-26 ta' April 1996 <sup>(1)</sup>;

Billi d-Direttiva tal-Kummissjoni 96/40/KE tal-25 ta' Ġunju 1996 tistabbilixxi mudell komuni għall-karta ta' l-identità għall-ispetturi li jwettqu l-kontroll ċivili tal-portijiet <sup>(2)</sup>għandu jkun inkorporat mal-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej għandu jiġi miżjud wara l-punt immarkat 56b (Direttiva tal-Kunsill 95/21/KE) fl-Anness XIII tal-Ftehim:

"56ba. **396 L 0040:** Id-Direttiva tal-Kunsill 96/40/KE tal-25 ta' Ġunju 1996 tistabbilixxi mudell komuni għall-karta ta' l-identità għall-ispetturi li jwettqu kontroll ċivili tal-portijiet (ĠU L 196, tas-7.8.1996, p. 8).".

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva tal-Kummissjoni 96/40/KE fl-ilsna Islandiċi u Norveġiżi, li huma annessi mal-verżjonijiet tal-lingwa rispettivi ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' April 1997, bil-kondizzjoni li n-notifikazzjonijiet taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fit-taqsimha taż-ŻEE, fis-Supplement taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, nhar l-14 ta' Marzu 1997.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

C. DAY

<sup>(1)</sup> ĠU L 186, tal-25.7.1996, p. 80.

<sup>(2)</sup> ĠU L 196, tas-7.8.1996, p. 8.